28 SEP 2022

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 567**

**Il-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-sitta u tnax il-minuta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 567.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

567.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella ikun skużat.

567.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna jkun skużat.

## 567.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

567.2.1 Il-minuti tal-565 u tal-566 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

## 567.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

567.3.1 Is-Sindku rrefera għall-inċident li kellu fi Triq il-Kbira meta resident ipprova jħebb għalih minħabba pjanċa li kienet qed tħabbat quddiem residenza. Is-Sindku spjega li kienet tpoġġiet pjanċa fuq il-kaptell tal-ilma tax-xita minħabba li kien sfronda. Is-Sindku qal li l-inċident seħħ wara li mar personalment, tard filgħaxija fuq il-post. Is-Sindku żied jgħid li l-kaptell kien ser jitranġa fil-jiem li ġejjin. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li dawn l-affarijiet mhux aċċettabbli u wera solidarjetà mas-Sindku.

567.3.2 Fis-6.15 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

567.3.3 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-prijorità tal-membri tal-Kunsill hija l-interess tar-residenti u wriet solidarjetà mas-Sindku.

567.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2021 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f'din l-ittra. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lil kull membru tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

567.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Ġunju 2022. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Ġunju 2022.

567.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-impjegata li kienet bil-*leave* tal-maternità reġgħet daħlet lura għax-xogħol. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex din l-Uffiċjal Eżekuttiv ikollha

mill-ġdid *internet key view only* għall-kontijiet tal-Kunsill peress illi kienet responsabbli mill-*accounts* u minħabba li kien ingħalqilha l-aċċess matul il-perjodu li kienet assenti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lill-bank sabiex jipprovdi *internet key* lill-Uffiċjal Eżekuttiv *view only.*

567.3.7 Fis-6.22 ta' filgħaxija is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri daħlet għal-laqgħa.

567.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-*Junior Science Club* li ser jiġi organizzat matul ix-xhur li ġejjin. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Bord tal-Għażla biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla għas-servizz professjonali għall-animaturi tal-*Junior Science Club* u jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill; u dan ikun kompost mis-Sindku, mis-Sinjura Anna Calleja, mis-Sur Mark Grech, mill-Uffiċjal Eżekutttiv Xjenza fil-Primarja u l-Kap tad-Dipartiment Xjenza fil-Primarja.

567.3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-proġett ffinanzjat minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta – Miżura 3. *Promotional of the Cultural Heritage* u qalet li l-Kunsill kien ser jissottometti *change request* sabiex jitlob estensjoni tad-data, iżda l-GAL Xlokk kienu nfurmawha li din it-talba setgħet ma tiġix aċċettata.

567.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ffinanzjat minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta u qal li s-siġar invażivi kienu kważi inqalgħu kollha u żied jgħid li fl-aħħar ta' Settembru mistenni jitħawwlu l-pjanti. Il-Viċi Sindku qalet li kien għad iridu jitwaħħlu l-*bins* kif ukoll l-*interpretation panels.* Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva konferma mingħand l-ERA dwar l-*interpretation panels.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.

567.3.11 Is-Sindku rrefera għal SPI/SCI/07/2022 Espressjoni ta' Interess: *Clean Up the World Campaign 2022* u nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa tar-Reġjun kien hemm qbil u diskussjoni sabiex ir-Reġjun jimla formola ta' applikazzjoni waħda fuq bażi Reġjonali sabiex isir *clean up* f'kull lokalità li tagħmel parti mir-Reġjun. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jibbenefika minn €3,000 u li kien ser isir tindif ta' Misraħ San Nikola bil-parteċipazzjoni tal-Grupp ta' *Zabbar Scouts.* Is-Sindku żied jgħid li *l-Clean Up* kienet ser issir fl-20 ta' Settembru, 2022 fil-ħamsa ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jnaddaf Misraħ San Nikola u li l-applikazzjoni ta' din l-iskema ssir fuq bażi Reġjonali.

567.3.12 Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkulari numru SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022 u qal illi kien qed idur il-punti tal-eleġibiltà li hemm fl-applikazzjonii sabiex il-Kunsill jissottometti applikazzjoni. Il-ħsieb kien li l-Kunsill jorganizza attività jew tiżjin fil-lokalità. Is-Sindku talab l-approvazzjoni

tal-membri preżenti sabiex il-Kunsill jissottomi l-applikazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li fil-laqgħa li jmiss, fil-komunikazzjoni tas-Sindku, kien ser jagħti rendikont dwar il-pjan u l-istruttura ta' din l-applikazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti l-applikazzjoni SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022.

567.3.13 Is-Sindku rrefera għar-Rikors Numru 15/2022 dwar l-*encroachment* fi Triq iċ-Ċawsli vs Awtorità tal-Artijiet vs resident u qal li l-appell tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar ġie miċħud, u li l-Kunsill irid iħallas l-ispejjeż a karigu. Is-Sindku qal illi l-Kunsill mexa fuq il-pariri li kien ingħata mill-avukat tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-interess ewlieni kien li l-Kunsill jiddefendi lil-lokalità u art u spazju li kien qed jinfetaħ fil-pubbliku minn terzi persuni.

567.3.14 Is-Sindku tkellem dwar il-proġetti tal-*Urban Greening;* dwar il-proġett fl-ex venda qal li din il-ġimgħa kien qed isir xogħol ta' pavimentar. Is-Sindku żied jgħid li l-ispazju ser ikun miftuħ u aċċessibli matul il-ġranet tal-festa. Wara l-festa tal-Madonna tal-Grazzja huwa mistenni li jitkompla x-xogħol. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet x'kien ser jiġri mill-kmamar li hemm taħt il-venda u dwar il-possibilità li dawn il-kmamar jingħataw lill-Kunsill sabiex jintużaw bħala *stores* għall-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien hemm kamra waħda biss u kienet ser tingħata lill-Kunsill sabiex tintuża bħala *store*. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien hemm diversi kmamar bid-diviżorji. Is-Sindku qal illi d-diviżorji kienu *planters* għas-siġar minħabba l-għeruq u mhux kmamar. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li diversi residenti kienu kellmuha minħabba li ħasbu li kien ser ikun hemm diversi kmamar taħt il-pjazza. Dwar il-proġett fiż-żona tal-Biċċieni, is-Sindku qal li t-tinda kienet ġiet installata, sar il-konkos u kien ser isir ix-xogħol ta' pavimentar fil-jiem li ġejjin. Dwar il-proġett fi Triq Santa Duminka, is-Sindku qal illi kienu tlestew is-servizzi u twaħħlet l-istruttura.

567.3.15 Is-Sindku qal illi kienu għaddejin diversi xogħlijiet mill-Gvern Ċentrali li jinkludi fost oħrajn xogħol fi Triq il-Kapuċċini, Triq San Leonardu u Triq il-Għasel. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk Triq tal-Labour hux ser tkun lesta għall-festa. Is-Sindku qal illi fi Triq tal-Labour kien għad fadal diversi xogħljiet xi jsiru u spjega li għal matul il-ġranet tal-festa kienu ser jingħalqu l-kanali u jitneħħa kull periklu. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-problema tad-drenaġġ ġietx solvuta. Is-Sindku qal illi s-sitwazzjoni kienet ġiet riżolta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Kapuċċini. Kopja ta' din il-petizzjoni kienet ġiet iċċirkolata lill-membri tal-Kunsill permezz tal-*email.* Is-Sindku rrefera għall-petizzjoni li l-Kunsill kien irċieva mingħand xi residenti li joqgħodu fi Triq Santa Tereża. Ir-residenti kienu qed joġġezzjonaw għall-applikazzjoni biex jiġu riservati tliet spazji ta' parkeġġi fi Triq Santa Tereża għall-iskola li ser tinfetaħ fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal illi kien qed jikkomunika mal-entitajiet ikkonċernati dwar dan. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ma kellu l-ebda komunikazzjoni uffiċjali jew xi tip ta' approvazzjoni jew applikazzjoni dwar dawn it-tlett *reserved parkings.*

567.3.16 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien għaddej xogħol ta' manutenzjoni fil-grawnd tal-futbol fi Ġnien Tamara Psaila. Is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin mistenni jibda x-xogħol fil-grawnd tal-*5 a side* li hemm fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li kien sar tibdil ta' diversi ċnut tas-*soft areas* fil-*Housing Estate* permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill. Permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun saret kostruzzjoni tal-bankina fi Triq iċ-Ċawsli faċċata tal-Għassa tal-Pulizija. Sar xogħol ta' manutenzjoni fil-funtana ta' Misraħ is-Sliem. Is-Sindku spjega li kienu għaddejin diversi diskussjonijiet sabiex tiġi solvuta l-problema fid-dawl tat-triq li hemm fl-aħħar parti ta' Triq is-Santwarju.

**567.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

567.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**567.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

567.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-kont ta' *S Spangol Construction Limited* li hemm imniżżel fl-iskeda ta' pagamenti u qalet li dan il-kont kien ser jitħallas wara li ssir iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kont kien relatat max-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li saru fi Sqaq il-Knisja. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk l-ispiża ta' €41,602.42 kienx jinkludi x-xogħol fi Sqaq il-Knisja kollu. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u spjega li l-isqaq kien twil u jiftaħ f'żewġ fergħat, il-kont ġie ppreparat skont ir-rati li hemm fil-kuntratt u l-kwalità tal-konkos hija *grade C30*, bl-*imprint.* Is-Sindku qal illi fil-ġimgħat li ġejjin mistenni jitkompla x-xogħol tal-kumplament tal-isqaqin ta' wara l-knisja.

567.5.2 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx hemm inkluż ix-xogħlijiet tal-isqaqien fi Triq il-Kbira. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv minħabba li l-isqaqien ta' Triq il-Kbira kienu nklużi fil-proġett max-xogħlijiet li ser isiru fiż-żona tal-Biċċieni. Is-Sindku żied jgħid li dawn l-isqaqien kienu ser isiru minn entitajiet governattivi oħra u mhux permezz tal-fondi tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jsir xogħol ta' kostruzzjoni tal-isqaqien li hemm fi Triq il-Kbira.

567.5.3 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Lulju 2022 u t-23 t' Awwissu 2022 li kienet tammonta għal €108,409.67.

**567.6 Ingaġġ ta' Uffiċċjal Eżekuttiv – Skala 13**

567.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu kandidata 1 hija l-aktar kandidata adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur

Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li kandidata 1 tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13).

**567.7 Deċiżjoni dwar kuntratti**

- Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani – ZLC 1/2020R

567.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani ZLC 1/2020R li l-Kunsill għandu mas-Sur Owen Borg, kien ser jiskadi fit-30 ta' Settembru, 2022 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sentejn addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

**567.8 Ħatra tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni**

- Kuntratti għall-ġbir ta' skart goff – ZLC 4/2022

567.8.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti tal-ġbir ta' skart goff (ZLC 4/2022) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Mario Fava, mis-Sur Marco Cassar u mis-Sur Brian Farrugia.

**567.9 Attivitajiet għal Jum Ħaż-Żabbar**

567.9.1 Is-Sindku qal illi f'dan l-*item* kien ser jiddiskuti wkoll l-*item* 567.10 Festa f'Ħaż-Żabbar. Il-ħsieb ewlieni kien li l-attivitajiet ta' Jum Ħaż-Żabbar isiru f'waħda mill-pjazez li kienu qed isiru mill-*Wasteserv*. Is-Sindku qal li matul il-ġranet tal-festa kien ser ikun hemm delegazzjoni Ġermaniża li tkun f'Ħaż-Żabbar matul il-festa tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar u ser tkun qed issegwi ċ-ċelebrazzjonijiet esterni. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li d-delegazzjoni tal-Portugal kienu nfurmaw lill-Kunsill illi ma setgħux jiġu matul il-ġranet tal-festa minħabba mpenji oħra.

567.9.2 Is-Sindku qal illi kien qed jipprova jgħaqqad iċ-ċelebrazzjonijiet kollha f'daqqa u żied jgħid li għalih kien impossibbli jattendi r-riċeviment li jsir fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja u ssuġġerixxa li ma jsirx nhar ta' Ġimgħa peress illi kemm hu, kif ukoll ħafna mill-mistiednin ikollhom impenji oħra relatati mal-festa.

567.9.3 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara tad-delegazzjoni Ġermaniża li ser iżuru Ħaż-Żabbar għal żmien il-festa. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed iħejji l-programm uffiċjali tal-barranin u kull min fost il-Kunsillieri jrid jakkumpanja lid-delegazzjoni, hu mitlub jagħmel kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Joseph Agius qal illi huwa u s-Sinjura Anna Calleja dejjem akkumpanjaw lill-barrannin. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti dwar ir-regolamenti li hemm fil-Memo 122/2010 dwar l-ikliet/riċevimenti. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir ikla minflok ir-riċeviment. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fil-passat il-Kunsill dejjem għamel riċeviment biex jirringrazzja lill-għaqdiet lokali. Is-Sindku ssuġġerixxa li r-

riċeviment isir fil-ġurnata tal-ħruġ minn niċċa, fl-1 ta' Settembru. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex jilħqu jintbgħatu l-inviti għall-1 ta' Settembru. Is-Sindku qal illi kienet ser issir xandira tal-festa fuq l-istazzjon tat-televiżjoni u l-Kunsill ġie mitlub jipprovdi *cake* u biskuttini għall-okkażżjoni. Is-Sindku ssuġġerixxa li r-riċeviment isir nhar il-Ħadd tal-festa. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li r-riċeviment isir wara l-Pellegrinaġġ tar-Roti u l-Muturi. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li dak il-ħin kulħadd ikun qed jagħmel l-ikla mal-familja. Is-Sindku ssuġġerixxa li minflok riċeviment tal-festa jsir riċeviment ta' ringrazzjament lejn l-għaqdiet nhar il-Ħadd ta' wara l-festa fil-bitħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza riċeviment fit-18 ta' Settembru fil-bitħa tal-Kunsill.

567.9.4 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet għal Jum Ħaż-Żabbar u qal li l-arċipriet kien staqsa jekk hux ser issir il-quddiesa fl-14 ta' Settembru għall-Anniversarju ta' 225 Sena Belt Hompesch. Is-Sindku qal illi hemm il-ħsieb li l-quddies tkun animata bil-kor pero jrid isir qbil dwar il-ġurnata u l-ħin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas għall-ispejjeż tal-animazzjoni tal-kor matul il-quddiesa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ċ-ċertifikati u l-onorifiċenzi jingħataw f'Jum Ħaż-Żabbar, fl-1 ta' Frar, 2023.

567.9.5 Dwar ir-riċeviment tal-festa li ser isir nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru, 2023 fis-7.30 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Ċiviku, fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-ikel jiġi ordnat mingħand *Baron Confectionery*, liema spiża m'għandiex teċċedi l-ammont ta' €2,220.

**567.10 Festa f'Ħaż-Żabbar**

567.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill skeda ta' kwotazzjonijiet għall-kiri ta' ħamsa u għoxrin (25) *mobile toilet* li ser jinkrew u ser jitpoġġew f'postijiet differenti f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża mingħand offerent numru 1 skont l-iskeda annessa.

567.10.2 Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti għall-festa u qal illi l-każini ser ikunu qed jiġu nfurmati dwar il-ġbir tal-iskart matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku qal ukoll illi kienu saru diskussjonijiet dwar it-tindif li ser isir mill-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku kif ukoll il-kuntrattur għall-knis u qtugħ ta' ħaxix sabiex jiġi assigurat illi matul iċ-ċelebrazzjonijiet ikun hemm indafa fit-toroq tal-lokalità. Is-Sindku qal illi kien qed jipprova jġib għajnuna addizzjonali matul żmien il-festa.

567.10.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani kienu ġew milqugħa u l-permessi tal-barijiet ġew mgħoddija lill-pulizija għall-approvazzjoni tagħhom, skont il-parametri tal-liġi. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva diversi applikazzjonijiet għal-tqegħid ta' posti u kjosks wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjoni. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata

mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-applikazzjonijiet li ġew sottomessi wara d-data tal-għeluq.

567.10.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-istumenti ta' skola banda kienu nxtraw.

**567.11 Monument tal-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch**

567.11.1 Is-Sindku tkellem dwar il-monument *life-size* tal-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch li ser isir fuq ir-*roundabout* fi Triq tal-Labour. Is-Sindku qal illi qiegħed f'komunikazzjoni mal-entita` li ser tagħmel il-pedestall tal-ġebel. Is-Sindku qal illi fil-futur viċin il-Kunsill kien ser joħroġ espressjoni t'interess għall-artist sabiex jaħdem il-monument tal-bronż *life-size* tal-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni sabiex jintgħażel l-artist u li dan il-bord ikun kompost mis-Sindku bħala *Chairman*, mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit Alistair Avallone, is-Sur Reuben Pullicino u l-Enġinier Joe Zrinzo.

**567.12 Ittri legali**

567.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva kopja ta' avviż għall-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar wara li l-Kunsill kien irċieva ittra ġudizzjarja mingħand kumpanija tal-assigurazzjoni dwar inċident fi Triq San Ġużepp. Il-Kunsill kien wieġeb l-ittra ġudizzjarja permezz tal-avukat tal-Kunsill iżda l-kumpanija tal-assigurazzjoni komplew billi fetħu kawża kontra l-Kunsill u entitajiet oħra.

**567.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

567.13.1 Il-Viċi Sindku tkellmet dwar iċ-ċnut tas-*soft areas* li kienu qed isiru fiż-żona tal-*housing estate* u staqsiet jekk il-knatan kinux ser jinżebgħu sabiex il-ġebla tkun kulur wieħed. Is-Sindku qal illi l-knatan it-tajbin reġgħu ntużaw u ser jiġu unvjati.

567.13.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi d-dawl ta' Triq il-Kappella tal-Plier ilu maqtugħ għal dawn l-aħħar tlett ġimgħat.

567.13.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi wara li ngħata t-tarmak fi Triq Bajada, il-marki u s-sinjali tat-toroq baqgħu ma sarux.

567.13.4 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir manutenzjoni tal-bankijiet li hemm fi Triq tal-Labour qabel il-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

567.13.5 Is-Sinjura Anna Calleja ressqet ilment li kienet irċeviet mir-residenti dwar talba għal *hatching lines* fi Triq Villabate fil-viċinanzi tal-kamra tal-kenniesa. Is-Sinjura Calleja staqsiet lis-Sindku jekk kienx ressaq it-talba tagħha lill-entitajiet

ikkonċernati. Is-Sindku qal illi kien kellem uffiċjali ta' Transport Malta dwar dan il-każ u żied jgħid li fit-triq imsemmija kienu ser isiru xi tibdiliet.

567.13.6 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-ħwienet tal-ikel u tal-pastizzi humiex obbligati li jkollhom *dustbin* fil-viċinanzi tal-ħanut. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sinjura Calleja qalet li l-ħanut tal-pastizzi li hemm fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi tal-iskola m'għandux *dustbin.*

567.13.7 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jinqata' il-bużbież li kiber fil-ġenb ta' Triq il-Kappella tal-Plier. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li ma jinqatax il-bużbież. Is-Sindku qal illi jekk il-bużbież kiber iżżejjed u huwa ta' periklu għas-sewwieqa, ikollu jinqata'.

567.13.8 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq il-Fraxxnu kien hemm żewġ lampi maqtugħin u lampa oħra li qed itteptep. Is-Sindku talab lis-Sur Agius sabiex jagħti d-dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv.

567.13.9 Is-Sur Joseph Agius qal li fi Triq il-Mina ta' Hompesch hemm ħafna żinżel fuq il-bankina u talab li l-bankina tinkines aktar ta' spiss.

567.13.10 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jitnaddfu l-*culverts* tal-ilma tax-xita fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Sqaq id-Demel.

567.13.11 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq is-Santwarju hemm ħafna globi mkissra u bozoz maqtugħin. Is-Sur Agius issuġġerixxa li l-laqgħat tal-Kunsill ma jibqgħux isiru *online*. Is-Sur Agius qal illi huwa kien lest idur il-bozoz filgħaxija u jipprovdi lista bin-numri tal-bozoz li kienu maqtugħa.

567.13.12 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm nuqqas ta' ndafa fil-lokalità. Is-Sindku qal illi minħabba li kien hemm il-festa ta' Santa Marija, diversi residenti ma ħarġux l-iskart skont l-iskeda. Is-Sur Agius qal illi l-kuntrattur tal-iskart domestiku ħalla numru ta' boroż suwed f'diversi toroq. Is-Sur Agius żied jgħid li il-ġimgħa l-oħra kif ukoll din il-ġimgħa, il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart reċiklat, ma ġabarx numru ta' boroż tal-iskart riċiklat minn diversi toroq. Is-Sindku qal il-*contracts manager* suppost ikun qed jara li l-kuntrattur jimxi skont il-kuntratt u jirraporta każijiet bħal dawn. Is-Sindku ppropona li tinħareġ *default notice* lill-*contracts manager* minħabba li ma kienx qed jagħtih *feedback* dwar ilmenti li jgħaddilu u minħabba li kien hemm okkażjonijiet fejn m'għaddiex l-ilmenti tal-Kunsill lill-kuntrattur. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li l-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' skart domestiku kellu xi diffikultajiet u staqsa jekk il-Kunsill kellux problema bil-kuntrattur tal-ġbir ta' skart. Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kien qed isir tgeddiż tal-boroż f'nofs ta' triq u għal tul ta' ħin. Is-Sur Joseph Agius issekonda il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* lill-*contracts manager.* Is-Sindku talab li ssir laqgħa mal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku sabiex tiġi diskussa l-problema tal-ġbir tal-iskart fil-lokalità.

567.13.13 Il-Kaptan Patrick Barbara qal li l-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku kien qed idum biex jiġbor l-iskart u barra minnhekk kien qed iħalli diversi boroż tal-iskart fit-toroq.

**567.14 Mozzjonijiet**

567.14.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**567.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

567.15.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru, 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

567.15.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.53 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-568 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru, 2022.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku